**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Wendy Camilleri

vs

Portughes Laundry & Dry Cleaning Ltd u DOR Boutique

CCT 38/18/MS

20 ta' Marzu 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-6 ta' Marzu 2018 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €550.00, prezz ta' libsa mixtrija minghand l-azjenda intimata DOR Boutique, liema libsa tqattat/ tilfet u/ jew biddlet il-kulur wara li ttiehedet ghat-tindif ghand is-socjeta' intimata Portughes Laundry & Dry Cleaning.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata Portughes Laundy & Dry Cleaning Ltd fejn filwaqt illi kkonfermat illi l-libsa kienet sfat dannegjata wara illi tnaddfet, cahdet t-talba bhala infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi osservat skrupolozament l-istruzzjonijiet fuq it-tabella tal-libsa u ghalhekk ma setghetx tassumi responsabbilita' ghal kwalunkwe dannu li seta' gara tort tal-manifattura.

Ra illi l-azjenda intimata DOR Boutique debitament notifikata ma dahlet l-ebda risposta, pero' rapprezentant taghha xehdet f'dawn il-proceduri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda

Ikkunsidra

Illi irrizulta mill-provi u mhux kontestat illi f'Awwissu 2017 ir-rikorrenti xtrat libsa minghand l-azjenda intimata DOR Boutique ghall-prezz ta' €550.00. Wara li r-rikorrenti libsitha darba, haditha ghal drycleaning ghand Portughes Laundry u meta gabitha lura ndunat li l-libsa biddlet il-kulur - minn Gold giet Silver, u kienet ukoll imqatta' f'xi partijiet.

Xehdet Josette Fava, ir-rapprezentanta ta' DOR Boutique illi gabet maghha zewg ilbiesi bhal tar-rikorrenti li kienu nxtraw minn nies ohra klijenti taghha u li allegatament ntbaghtu wkoll ghal drycleaning. Qalet ukoll illi wara li kien gie ghandha Ian Portughes u nfurmaha bil-problema cemplet barra minn Malta fejn xtrat il-hwejjeg u qaltilhom bil-problema. Huma kienu sorprizi hafna u qalulha li din kienet l-ewwel darba li gara hekk. Mistoqsija in kontro-ezami fejn dawn l-ilbiesi ittiehdu ghal drycleaning, qalet illi ma kenitx taf u obbligat ruhha li ggib l-informazzjoni fis-seduta li jmiss. Pero' din l-informazzjoni qatt ma nghatat lit-Tribunal.

Xehed ukoll Ian Portughes illi spjega illi huma rcevew il-libsa minghand ir-rikorrenti, ccekkjaw il-label li kienet 'dry-cleaning' u mxew fuq l-istruzzjonijiet tal-label. Wara l-process il-glitter waqa' kollu u minn gold giet silver. Spjega wkoll illi huwa kien mar il-hanut DOR Boutique biex jispjegalhom x'kien gara u ghamel rapport (Dok IP) u ghadda kopja lil Josette Fava. Ipprova jaghmel kuntatt ukoll mas-supplier permezz ta' email, pero' ma rcieva l-ebda risposta. (IP2)

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu rapport redatt minn Ian Portughes (IP) datat 16 ta' Ottubru 2017. Portughes jiddeskrivi ruhu bhala "certified dry-cleaning instructor" li ilu f'dan il-professjoni ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Dan ir-rapport sar wara l-ewwel tindifa (Post Process) fejn allura l-libsa safa' dannegjat. Ir-rapport jinkludi diversi paragrafi - deskrizzjoni tal-libsa u l-procedura li ntuzat biex tintnaddaf. Skond dan ir-rapport Ian Portughes spjega illi huwa uza procedura ta' tindif kif rakkomandat fuq il-libsa stess:

*Cleaning Procedure " According to the cleaning labels the dress should have been Dry Cleaned only on a normal mode. No water or chlorine based chemicals should have been used due to the characteristics of the fabric and as instructed on the cleaning label. The dress cannot be washed and cannot be tumble dried. Pressing is limited to low temperature."*

*Cleaning Cycle Used: "The dress has been dry cleaned in .... as stated on the label and we also cleaned the dress using a delicate mode to make sure we reduce the risk of mechanical action."*

*Damages: "Following the dry cleaning process, the dress has lost the gold glitter effect, this should not have happened as according to the cleaning instructions, the dress should have resisted the dry cleaning cycle and the dress should have remained gold and black."*

*Responsibility: "In my opinion the responsibility lies with the manufacturer who should have tested the fabric to withstand the minimum cleaning requirements as stated on the cleaning label. "*

Illi naturalment it-Tribunal mhux ser jistrieh biss fuq opinjoni *ex parte* minghajr opinjoni ohra ta' persuna indipendenti. Iktar u iktar dikjarazzjoni ta' responsabbilita' minn parti fil-kawza. Il-fattur determinanti jibqghu l-provi u kif dawna jaffetwaw it-tezi rispettivi tal-partijiet.

It-Tribunal ra wkoll l-email mibghut minn Ian Portughes lil certu Ahmet Bakiner fl-17 ta' Ottubru 2017 fejn spjega x'kien gara u fejn annetta kopja tal-fuq imsemmi rapport. Ghal dan l-email ma rceviex risposta.

It-Tribunal ra wkoll rapport iehor redatt minn certa Colin Paterson, liema rapport giet ikkumissjunat mill-intimat Portughes u jikkorrobora u jikkonferma r-rapport li pprepara Ian Portughes.

Ikkunsidra

Illi minkejja illi l-azjenda DOR Boutique ma dahlitx risposta, it-Tribunal xorta sema x-xhieda tar-rapprezentant taghha Josette Fava. Dina pero' kellha terga' tidher quddiem dan it-Tribunal biex taghti informazzjoni ulterjuri li kienet weghdet li ser taghti fix-xhieda taghha. Izda din l-informazzjoni qatt ma nghatat. It-Tribunal jirrileva illi permezz ta' email datat 15 ta' Ottubru 2018 Josette Fava kienet talbet differiment u talbet li tinghata seduta ohra sabiex tkun tista' tkompli bix-xhieda taghha. Dan id-differiment inghata. Il-kawza giet appuntata ghal 14 ta' Novembru 2018. Dor Boutique giet notifikata b'dan id-differiment, izda hadd ma deher dakinhar biex jixhed. (ara verbal 14 ta' Novembru 2018). Dakinhar l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Ikkunsidra

Illi fl-isfond tar-rizultanzi processwali t-Tribunal huwa ben sodisfatt bl-ispjegazzjoni illi ta Ian Portughes ghas-socjeta' intimata Portughes Laundry & Dry Cleaning, kif konfermat ukoll minn rapport indipendenti. Dana wera professjonalita u sengha skond il-mistier u wettaq l-inkarigu moghti lilu skrupolozament skond it-dettami tat-tabella tal-istess libsa. Ma ghamel xejn hazin li b'xi mod jista' jigi censurat fl-operat tieghu fit-tindif ta' din il-libsa. It-Tribunal huwa jkoll sodisfatt li l-libsa kien fiha nuqqas serju ta' informazzjoni dwar il-metodu specjalizzat illi kellu jintuza ghal dry cleaning. Il-fatt illi l-azjenda DOR Boutique allegat illi kien hemm ilbiesi ohra bhala illi ma gewx affetwati bil-process ta' dry-cleaning huwa irrelevanti ghal fini ta' din il-kawza. Il-fatti jibqghu illi r-rikorrenti hadet libsa kwazi gdida ghand is-socjeta intimata ghal dry cleaning, liema socjeta' wettqet dan il-

process skond l-istruzzjonijiet tat-tabella tal-libsa u skond l-arti u s-sengha. U ghalhekk jikkonkludi li din is-socjeta' m'ghandhiex tinsab responsabbli ghal din il-hsara.

Ma jistax jinghad l-istess ghall-azjenda intimata DOR Boutique. Dina ma wrietx l-istess livell ta' professjonalita' kemm fil-konfront ta' dan it-Tribunal kif ukoll fil-konfront tar-rikorrenti u s-socjeta' intimata Mhuwiex bizzejjed illi f'sitwazzjonijiet bhal dawn tezimi responsabbilta' sempliciment ghaliex tghid illi cempilt lis-supplier, li min-naha tieghu kien sorpriz u tieqaf hemm. Ir-responsabbilta' tal-bejjiegh immur oltre u ma jieqafx mal-bejgh tal-prodott imma ghandu jipprovdi assistenza u ghajnuna lill-konsumatur meta dan jigi rinfaccjat bil-problema li ma tkunx originat minnu izda min-natura tal-prodott. Evidentement, kien hemm xi haga mhux sew fil-libsa illi pprovdiet lir-rikorrenti peress illi din il-libsa ma rrispondietx kif kellha tirrispodni ghal process ta' dry cleaning professjonali. L-azjenda intimata rceviet flus tajba ghal din il-libsa u provdiet prodott illi kien fih xi mankament illi tfacca b'mod manifest waqt il-process ta' dry cleaning. Mhuwiex mistenni illi libsa mixtrija gdida ma tintbghatx xi darba ghal dry cleaning u huwa normali u adirritura mistenni illi anke wara li tintlibes darba biex tinzamm fl-istat pristin taghha l-libsa tintbghat ghad-dry cleaning. Kif fil-fatt gara f'dan il-kaz. It-Tribunal zgur mhuwiex qed jiccensura lir-rikorrenti illi hadet dan il-pass peress illi ma kienx mistenni illi d-drycleaning kien ser ikollha effett daqshekk hazin fuq il-libsa. Ta' dan ghandha tkun responsabbli l-ajenda DOR Boutique. It-Tribunal iqis pero' illi tajjeb jew hazin il-libsa intlibbset darba u ghalhekk ghandha l-valur ta' *secondo man* illi dan it-Tribunal qieghed jikkalkola *arbitrio bono viri* fl-ammont ta' €400.00.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi filwaqt illi jillibera s-socjeta' Portughes Laundry & Dry Cleaning Limited mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-azjeda DOR Boutique li tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' erba mitt Euro (€400.00). Bl-ispejjes kontra l-azjenda Dor Boutique. It-Tribunal jawtorizza lil din l-ahhar azjenda li tiehu lura l-libsa darba li jsir il-hlas.

Michela Spiteri LL.D
Arbirtru